



Brussell, 30 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14759/18

LIMITE

CADREFIN 376
RESPR 49
POLGEN 234
FIN 925

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Qafas Finanzjarju Pluriennali (2021-2027): abbozz ta' Kaxxa ta' Negożjar

1. L-għan tal-preżentazzjoni tal-abbozz ta' Kaxxa ta' Negożjar huwa li jkunu identifikati u kkonfermati l-kwistjonijiet li jeħtieġ li jiġu indirizzati matul in-negożjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali, u fejn xieraq, tiffaċilita d-diskussjoni dwar l-għażliet u s-soluzzjonijiet dwar kwistjonijiet individwali. Il-preżentazzjoni tal-abbozz ta' Kaxxa ta' Negożjar ma għandhiex l-għan ta' xi dibattiti jew compromessi konklużivi f'dan l-istadju.
2. L-abbozz ta' Kaxxa ta' Negożjar huwa mfassal u żviluppat taħt ir-responsabbiltà tal-Presidenza, u għaldaqstant mhuwiex vinkolanti għall-ebda delegazzjoni. Il-Presidenza tibqa' ggwidata mill-prinċipju li xejn mhu maqbul qabel ma kollox ikun maqbul.
3. Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness l-abbozz rivedut ta' Kaxxa ta' Negożjar imfassal mill-Presidenza.

I. ORIZZONTALI

1. Il-QFP l-ġdid ser ikopri seba' snin bejn l-2021 u l-2027. [Il-baġit ser jippermetti lill-Unjoni Ewropea twieġeb għall-isfidi attwali u futuri u tissodisfa l-prijoritajiet politiċi tagħha, fid-dawl tal-aġendi ta' Bratislava u ta' Ruma. Dan ikopri politiki ġodda u daww stabbiliti, inkluż il-Koeżjoni u l-Agrikoltura. Il-prijoritizzazzjoni stretta ta' riżorsi, il-flessibbiltà u l-imparzjalità huma prinċipji gwida, filwaqt li titqies il-kapaċità finanzjarja ridotta ta' Unjoni ta' 27¹.]
2. Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perijodu 2021 sal-2027 ser ikollu l-istruttura li ġejja:
 - Intestatura 1 "Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali";
 - Intestatura 2 "Koeżjoni u Valuri" li ser tinkludi
sottolimitu għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali;

JEW

subintestatura għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali;
 - Intestatura 3 "Riżorsi Naturali u Ambjent" li ser tinkludi sottolimitu għal nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti;
 - Intestatura 4 "Ġestjoni tal-Migrazzjoni u tal-Fruntieri";
 - Intestatura 5 "Sigurtà u Difiża";
 - Intestatura 6 "Il-Viċinat u d-Dinja";
 - Intestatura 7 "Amministrazzjoni Pubblika Ewropea" li ser tinkludi sottolimitu għal nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet.

¹ Jekk ikun hemm adeżjoni jew adeżjonijiet mal-Unjoni, il-QFP għandu jiġi rivedut.

Il-ġabra tan-nefqa taħt l-Intestaturi u r-raggruppamenti ta' politiki hija maħsuba biex tirrifletti l-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni u tipprevedi l-flessibbiltà meħtieġa fl-interess tal-allokkazzjoni effiċjenti tar-riżorsi. Barra minn hekk, it-tnaqqis fl-ġhadd ta' programmi għandu l-ġhan li jiżgura koerenza u jippromwovi sinerġiji. Il-qafas ġenerali ser jirrifletti s-simplifikazzjoni u jwassal għal tnaqqis fil-burokrazija għall-benefiċjarji u għall-awtoritajiet ta' ġestjoni, u ser jippromwovi opportunitajiet indaqs billi jiżgura li l-attivitajiet u l-azzjonijiet fi programmi u strumenti jintegraw il-perspettiva tas-sessi.

3. Iċ-ċifra totali massima għan-nefqa għall-UE 27 għall-perijodu 2021-2027 hija ta' EUR [x] miljun f'appropriazzjonijiet għal impenji, li jirrappreżenta [x]% tad-DNG tal-UE, u EUR [x] miljun f'appropriazzjonijiet għal pagamenti, li jirrappreżenta [x]% tad-DNG tal-UE. It-tqassim tal-appropriazzjonijiet għal impenji huwa deskritt hawn taħt. L-istess ċifri huma mniżżlin ukoll fit-tabella li tinsab fl-Anness I li tistabbilixxi wkoll il-programm ta' appropriazzjonijiet għal pagamenti. Iċ-ċifri kollha huma espressi bl-użu ta' prezzijiet kostanti tal-2018. Ser ikun hemm aġġustamenti tekniċi annwali awtomatiċi għall-inflazzjoni bl-użu ta' [deflatur fiss ta' 2 %] JEW [deflatur aġġustat annwalment].

p.m. Ladarba n-negozjati jkunu ffinalizzati, iċ-ċifri ser jiġu wkoll ippreżentati fi prezzijiet attwali bl-użu tad-deflatur maqbul.

4. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP qabel l-1 ta' Jannar 2024[4]. Minħabba n-natura tagħha, tali reviżjoni mhix ser twassal għal tnaqqis ta' pakketti nazzjonali allokat minn qabel.

JEW

Mhux ser ikun hemm rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP.

5. Ir-RAL (reste à liquider) huwa prodott sekondarju inevitabbli tal-ipprogrammar pluriennali u l-appropriazzjonijiet differenzjati. Madankollu, ir-RAL huwa mistenni li jkun aktar minn EUR [295] biljun sal-aħħar tal-qafas finanzjarju għall-2020-2014, li jwassal għal pagamenti mill-QFP attwali li jikkostitwixxu ammont sinifikanti ta' pagamenti ġenerali fl-ewwel snin tal-QFP li jmiss. Sabiex jiġu żgurati livell u profil prevedibbli [kif ukoll progressjoni b'mod ordnat] tal-pagamenti, jittieħdu bosta miżuri [, bħas-simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni u l-iffissar ta' rati ta' prefinanzjament u regoli ta' diżimpenn xierqa].
6. Skont il-prinċipju tal-unità baġitarja, bħala regola, il-punti kollha ta' finanzjament tal-UE ser jiġu inklużi fil-QFP. [Madankollu, minħabba l-ispeċifikitajiet tagħhom, xi strumenti ser jitpoġġew barra mil-limiti massimi tal-QFP taħt appropriazzjonijiet ta' impenn [u ta' pagament] jew jikkostitwixxu punti barra l-baġit.] L-Unjoni għandu jkollha l-kapaċità li tirreaġixxi għal ċirkostanzi eċċezzjonali, kemm interni kif ukoll esterni. Fl-istess waqt, il-ħtieġa għall-flessibbiltà għandha tkun meqjusa fir-rigward tal-prinċipju tad-dixxiplina baġitarja u t-trasparenza tan-nefqa tal-UE filwaqt li tirrispetta n-natura vinkolanti tal-limiti massimi tal-QFP. Il-livell meħtieġ ta' flessibbiltà ġenerali jiddependi fuq diversi parametri, bħalma huma t-tul tal-QFP, l-għadd ta' Intestaturi, id-daqs tal-marġnijiet hemmhekk u l-livell ta' flessibbiltà integrata fil-programmi ta' nfiq.
7. Sabiex jiġu rispettati l-kompetenzi tal-istituzzjonijiet rispettivi kif ukoll biex jikkonformaw mal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-atti delegati għandhom ikunu limitati għal elementi mhux essenzjali tal-atti leġislattivi rispettivi.

Flessibbiltà: Marġini u Programmazzjoni

8. Ser jiġu stabbiliti marġini adegwati taħt kull Intestatura, li jammontaw għal total ta' EUR [x] miljun. [F'ċerti programmi tematiċi, tiġi stabbilita faċilità li tkun programmata skont il-bżonn, programmi oħra ser jipprevedu fondi simili mhux allokatu bħala flessibbiltà integrata.]

9. Id-devjazzjoni possibbli ta' ammonti ta' referenza għal programmi pluriennali ma għandhiex tkun aktar minn [15]% tal-ammont għad-durata kollha tal-programm.
- [Barra minn hekk, jista' jkun hemm il-flessibbiltà baġitarja bejn il-fondi permezz tal-possibbiltà li jiġu ttrasferiti, fuq bażi volontarja, sa [5]% tal-allokazzjonijiet nazzjonali taħt ġestjoni kondiviża għal ġestjoni diretta u indiretta [għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat]].

Flessibbiltà: Strumenti Tematiċi

10. Il-flessibbiltà ser tiġi pprovduta ukoll permezz ta' strumenti tematiċi dedikati li jipprovdu mezzi finanzjarji addizzjonali li jirrispondu għal avvenimenti speċifiċi mhux previsti; hija n-natura ta' dawn l-istrumenti li jintużaw biss f'każ ta' bżonn, u għalhekk għandhom jiġu definiti kriterji ċari għall-mobilizzazzjoni tagħhom. Fl-ispirtu tal-għan ġenerali biex tiġi kkonsolidata u razzjonalizzata n-nefqa tal-UE, id-duplikazzjoni kemm bejn dawn l-istrumenti kif ukoll ma' programmi ta' nfiq għandha tiġi evitata u tiġi esplorata aktar sinerġija. Ir-regoli kumplessi li l-allokazzjoni mill-ġdid ta' ammonti bejn l-istrumenti u r-riport ta' ammonti mhux użati għas-snin ta' wara għandhom jiġu ssimplifikati u armonizzati.
11. Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, strument ta' solidarjetà u ta' għajjnuna ta' emerġenza li joffri assistenza ta' darba biex jgħin lill-ħaddiema li jitilfu l-impjieg tagħhom minħabba avvenimenti ta' ristrutturar marbutin mal-globalizzazzjoni [inkluż dawk minħabba l-awtomazzjoni u d-diġitalizzazzjoni] ma għandux jaqbeż l-ammont annwali massimu ta' EUR [x] miljun. [L-ammonti ser jiġu mobilizzati lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP għal impenji [u pagamenti]].

JEW

Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni mhux ser jitkompla, u l-oġettivi tiegħu ser jiġu insegwiti mill-FSE +.

12. Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, li jipprovdi assistenza finanzjarja ex-post lill-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi tal-adeżjoni milquta minn diżastri naturali maġġuri, u r-Riżerva għal Għajnuna ta' Emerġenza, filwaqt li tiżgura l-kapaċità ta' reazzjoni rapida għal ħtiġijiet ta' emerġenza speċifiċi [fl-Unjoni jew] fpajjiżi terzi, għandhom jibqgħu strumenti separati. Il-limiti massimi annwali għal dawn l-istrumenti għandhom ikunu ta' EUR [x] miljun u EUR [x] miljun rispettivament. [L-ammonti ser jiġu mobilizzati lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP għal impenji [u pagamenti]].

JEW

Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea u tar-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza għandhom jiġu sostitwiti minn strument uniku kombinat għal sitwazzjonijiet interni u esterni ta' kriżi u emerġenza. Il-limitu massimu annwali għal dan l-istrument għandu jkun ta' EUR [x] miljun. [L-ammonti ser jiġu mobilizzati lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP għal impenji [u pagamenti]].

Flessibbiltà: Strumenti Mhux Tematiċi

13. L-oġġettiv tal-Istrument ta' Flessibbiltà huwa li jiffinanzja nefqa identifikata b'mod ċar li ma setgħetx tkun iffinanzjata fil-limiti massimi disponibbli ta' Intestatura waħda jew aktar; il-limitu annwali tal-Istrument ta' Flessibbiltà ser ikun stabbilit għal EUR [x] miljun. [Kull sena, l-ammont annwali disponibbli għall-Istrument ta' Flessibbiltà għandu jiżdied b'ammonti li skadew fis-sena preċedenti mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni; il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea; ir-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza.] [L-ammonti ser jiġu mobilizzati lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP għal impenji [u pagamenti]].
14. Dawk il-marġini fl-Intestaturi li tħallew disponibbli taħt il-limiti massimi għall-impenji tas-sena finanzjarja ta' qabel ser jistabbilixxu, mill-202[2] 'il quddiem, il-Marġni Globali għal Impenji (Riżerva tal-Unjoni) [għal oġġettivi ta' politika definiti sew]. [Mill-2023 'il quddiem, minbarra l-marġini, għandu jkun disponibbli ammont ekwivalenti għad-diżimpenji tal-appropriazzjonijiet li saru matul is-sena n-2.] [Id-daqs tal-Marġini disponibbli kull sena m'għandux jaqbeż EUR [x] miljun.]

15. Marġini ta' Kontinġenza sa mhux aktar minn [x]% tad-DNG ser jiġi kostitwit barra mil-limiti massimi tal-QFP bħala strument tal-aħħar rikors b'reazzjoni għal ċirkostanzi mhux previsti. L-ammonti magħmulin disponibbli permezz tal-mobilizzazzjoni tal-Marġini ta' Kontinġenza għandhom jiġu kollha kkompensati skont il-marġini f'waħda jew aktar mill-Intestaturi tal-QFP għas-snin finanzjarji attwali jew dawk futuri.
16. [L-istrumenti deskritti fil-paragrafi 13, 14 u 15 ser jiġu sostitwiti minn strument uniku kombinat ta' flessibilità/riżerva trasversali li jistgħu jirrispondu għal avvenimenti mhux previsti speċifikati. Il-limitu massimu annwali għall-istrument [li għandu jiżdied b'ammonti ta' marġini mhux użati mis-snin preċedenti], għandu jkun ta' EUR [x] miljun. [Jekk jiġi eżawrit kompletament, u bħala miżura aħħarija biss, dan l-istrument ser ikun jista' jimmobilizza marġini minn waħda jew iktar mill-Intestaturi tal-QFP għas-snin finanzjarji attwali jew futuri.]]

Flessibilità: Pagamenti

17. Permezz tal-Marġini Globali għall-Pagamenti, li jibdew mill-202[2] bħala parti mill-aġġustament tekniku, il-Kummissjoni għandha taġġusta 'l fuq il-limitu massimu għall-pagamenti għas-snin [2022-2027] b'ammont ekwivalenti għad-differenza bejn il-pagamenti eżegwiti u l-limitu massimu tal-pagamenti tal-QFP tas-sena n-1. Kull aġġustament 'il fuq għandu jiġi kkompensat kompletament bi tnaqqis korrispondenti fil-limitu massimu tal-pagamenti għas-sena n-1. [Il-Marġini Globali għall-Pagamenti għandhom ikomplu b'restrizzjoni f'termini tal-ammont ta' aġġustament tal-limiti massimi. L-aġġustamenti annwali fis-snin [202x-2027] ma għandux jaqbeż EUR [x] miljun meta mqabbla mal-limitu massimu tal-pagament oriġinali.]

o
o o

18. F'konformità mal-isforz ġenerali ta' konsolidazzjoni, l-istrumenti finanzjarji u l-garanziji baġitarji jiġu razzjonalizzati aktar, partikolarment f'InvestEU u b'hal part mill-NDICI, biex b'hekk jiġi rrispettat il-prinċipju li l-użu ta' dawn l-istrumenti huwa strettament limitat għal ċirkustanzi fejn ikun hemm falliment tas-suq ċar u sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali. Filwaqt li jiġu rikonoxxuti l-opportunitajiet ta' dan it-tip ta' finanzjament, l-obbligazzjonijiet finanzjarji li jirriżultaw minn strumenti finanzjarji, garanziji baġitarji u assistenza finanzjarja għandhom jiġu mmonitorjati mill-qrib. [Id-dħul u l-pagamenti mill-ġdid li joħroġu minn strumenti finanzjarji u garanziji baġitarji għandhom jiġu ttrattati b'mod orizzontali.]
19. Ir-rwol tal-baġit tal-UE fl-appoġġ tal-implimentazzjoni effettiva tal-oġġettivi ta' politika wiesgħa tal-UE għandu jkimpli jissaħħaħ, partikolarment billi tissaħħaħ ir-rabta bejn il-baġit tal-UE u s-Semestru Ewropew, kif ukoll fl-oqsma tal-[migrazzjoni,] l-ambjent u t-tibdil fil-klima.
20. Filwaqt li jirriflettu l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima f'konformità mal-impenji tal-Unjoni rigward l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, il-programmi u l-istrumenti għandhom jikkontribwixxu għall-integrazzjoni ta' azzjonijiet klimatiċi u l-kisba ta' mira ġenerali fejn [tal-anqas] [25 %] tan-nefġiet tal-baġit tal-UE jappoġġaw l-oġġettivi relatati mal-klima. [B'hal prinċipju ġenerali, in-nefqa kollha tal-UE għandha tkun konsistenti mal-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi.]
21. *p.m. Il-parteciġipazzjoni ta' pajjiżi terzi.*
22. Għandu jiġi żgurat approċċ komprensiv għall-migrazzjoni li jikkombina kontroll aktar effettiv tal-fruntieri esterni tal-UE, azzjoni esterna akbar u l-aspetti interni, f'konformità mal-prinċipji u l-valuri tal-UE. Dan ser jinkiseb b'mod koordinat fil-programmi fl-Intestaturi rilevanti.

o

o o

Protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' defiċjenzi ġeneralizzati [fir-rigward tal-istat tad-dritt] fl-Istati Membri

23. Sabiex tipproteġi l-implimentazzjoni soda tal-baġit tal-UE u l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, ser jiġi introdott reġim ġenerali ta' kondizzjonalità biex jiġu indirizzati każijiet identifikati [ta' defiċjenzi ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt f'awtoritajiet tal-Istati Membri] JEW [funzjonament ħażin ġeneralizzat tal-awtoritajiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-aspetti relatati mal-baġit].
24. Il-kondizzjonalità taħt ir-reġim ser tkun ġenwina; b'hekk għan minnhom ser ikun li jiġu indirizzati każijiet ta' [defiċjenzi] JEW [funzjonament ħażin] li jaffettwa jew jirriskja li jaffettwa l-implimentazzjoni tajba tal-baġit tal-UE jew l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'mod dirett. Il-każijiet ta' defiċjenzi ser jiġu identifikati [bi kriterji ċari u suffiċjentement preċiżi].
25. Fil-każ ta' defiċjenzi b'hal dawn, il-Kummissjoni ser tipproponi miżuri xierqa u proporzjonati li ser ikollhom jiġu approvati mill-Kunsill b'maġġoranza kkwalifikata [inversa].
26. Dan ir-reġim ser ikun separat u awtonomu minn proċeduri oħra previsti fit-Trattati.

II. TAQSIMA I: NEFOQA

INTESTATURA 1 - SUQ UNIKU, INNOVAZZJONI U DIĠITALI

27. Is-Suq Uniku, l-Innovazzjoni u d-Diġitali jikkorrispondu għal qasam fejn l-azzjoni tal-UE għandha valur miżjud sinifikanti. Il-programmi taħt din l-Intestatura għandhom potenzjal kbir li jikkontribwixxu għall-prijoritajiet ta' Bratislava u ta' Ruma, b'mod partikolari fir-rigward tal-promozzjoni tar-riċerka, l-innovazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali, l-Investimenti Strateġiċi Ewropej, l-azzjoni favur is-Suq Uniku u l-kompetittività tal-intrapriżi u l-SMEs. Fl-allokazzjoni tal-finanzjament f'din l-Intestatura, għandha tingħata prijetà partikolari għat-tisħiħ sostanzjali u progressiv tal-isforz tal-UE fir-riċerka u l-innovazzjoni. Fl-istess ħin, għandha tiġi żgurata l-komplementarjetà bejn il-programmi f'din l-Intestatura, bħal fil-qasam diġitali.
28. Il-livell ta' impenji għal din l-Intestatura mhux ser jeċċedi:

INTESTATURA 1 - SUQ UNIKU, INNOVAZZJONI U DIĠITALI						
(EUR miljun, prezzijiet tal-2018)						
2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
X	X	X	X	X	X	X

Proġetti fuq Skala Kbira

29. Din l-intestatura ser tkompli tappoġġa l-finanzjament ta' proġetti fuq skala kbira bħala parti mill-Programm Spazjali Ewropew kif ukoll il-proġett tar-Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER):
- Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-ITER għall-perijodu 2021-2027 ser ikun [massimu ta'] EUR [x] miljun. [L-ammonti m'għandhomx ikunu speċifikati fir-Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Qafas Finanzjarju Pluriennali.]
 - Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm Spazjali għall-perijodu 2021-2027 ser ikun [massimu ta'] EUR [x] miljun, li minnhom EUR [x] miljun ser ikunu ddedikati għal Galileo u EUR [x] miljun għal Copernicus. [L-ammonti m'għandhomx ikunu speċifikati fir-Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Qafas Finanzjarju Pluriennali.]

Orizzont Ewropa

30. Hemm il-ħtieġa li tiġi rinforzata u estiża l-eċċellenza tal-bażi tax-xjenza u tal-innovazzjoni tal-Unjoni. L-isforz fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni jridu għalhekk ikunu bbażati fuq l-eċċellenza. Fl-istess ħin, id-distakk fil-parteċipazzjoni u fl-innovazzjoni għandu jkompli jiġi indirizzat permezz ta' diversi miżuri u inizjattivi; dan, flimkien ma sett uniku ta' regoli, ser jiżgura Politika Ewropea ta' Riċerka futura effiċjenti u effettiva li toffri wkoll opportunitajiet aħjar għall-SMEs u l-membri l-ġodda biex jipparteċipaw fil-programmi. Rabtiet aħjar bejn l-istituzzjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni madwar l-Ewropa ser ikunu ffaċilitati biex tissaħħaħ il-kollaborazzjoni fir-riċerka madwar l-Unjoni. Ser tingħata attenzjoni partikolari għall-koordinazzjoni tal-attivitajiet iffinanzjati permezz ta' Orizzont Ewropa flimkien ma' daww appoġġati taħt programmi tal-Unjoni oħrajn, inkluż permezz tal-politika ta' koeżjoni. F'dan il-kuntest, ser ikunu meħtieġa sinerġiji importanti bejn Orizzont Ewropa u l-fondi strutturali għall-fini ta' "kondiviżjoni tal-eċċellenza", biex b'hekk tittejjeb il-kapaċità u il-kapaċità reġjonali tar-Riċerka u l-Innovazzjoni u l-kapaċità tar-reġjuni kollha li jiżviluppaw raggruppamenti ta' eċċellenza.

31. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm Orizzont Ewropa għall-perijodu 2021-2027 ser ikun ta' EUR [x] miljun, li minnhom EUR [x] miljun ser jiġu ddedikati għar-riċerka u l-innovazzjoni fl-ikel, l-agrikoltura, l-iżvilupp rurali u l-bijoeconomija.

InvestEU

32. Il-Fond InvestEU ser jaġixxi bħala mekkaniżmu uniku ta' appoġġ għall-investimenti għal azzjoni interna tal-UE, li jissostitwixxi l-istrumenti finanzjarji eżistenti kollha; l-oġettiv ġenerali tiegħu huwa li jappoġġa l-oġettivi ta' politika tal-Unjoni billi jimmobilizza l-investment pubbliku u privat fi ħdan l-UE li jissodisfa l-kriterju tal-addizzjonalità, u b'hekk jindirizza l-fallimenti tas-suq u s-sitwazzjonijiet ta' investment subottimali li jfixxlu l-kisba tal-għanijiet tal-UE rigward is-sostenibbiltà, il-kompetittività u t-tkabbir inklużiv. Dispożizzjonijiet ċari fi ħdan l-att bażiku rilevanti ser jistabbilixxu d-diversi interazzjonijiet finanzjarji bejn il-programmi ta' nefqa applikabbli u l-Fond InvestEU.

Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa

33. Sabiex jinkiseb tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv u jiġi stimulat il-ħolqien tal-impjiegi, l-Unjoni teħtieġ infrastruttura aġġornata u bi prestazzjoni għolja biex tgħin fil-konnessjoni u l-integrazzjoni tal-Unjoni u r-reġjuni kollha tagħha, fis-setturi tat-trasport, tal-enerġija u dak diġitali. Dawn il-konnessjonijiet huma fundamentali għall-moviment ħieles ta' persuni, oġġetti, kapital u servizzi. In-networks trans-Ewropej jiffaċilitaw il-konnessjonijiet transkonfinali, irawmu koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali akbar, u jikkontribwixxu għal ekonomija tas-suq soċjali aktar kompetittiva u għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima billi jitqiesu mal-impenji ta' dekarbonizzazzjoni. L-Istati Membri kollha għandhom jiġu ttrattati b'mod ugwali, filwaqt li l-iżvantaġġi li jirriżultaw minn vulnerabbiltajiet ġeografiċi permanenti għandhom jiġu kkunsidrati kif xieraq.

34. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) għall-perijodu mill-2021 sal-2027 ser ikun ta' EUR [x] miljun. Dak l-ammont ser ikun distribwit bejn is-setturi kif ġej:
- (a) trasport: EUR [x] miljun,
 - li minnhom EUR [x] miljun ser jiġu ttrasferiti mill-Fond ta' Koeżjoni sabiex jintefqu f'konformità mar-Regolament tal-FNE [esklużivament fl-Istat Membru rilevanti eliġibbli għal finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni sal-2023] u minn hemm 'il quddiem ibbażat fuq kompetizzjoni bejn l-Istati Membri eliġibbli għall-Fond ta' Koeżjoni] JEW [ibbażat fuq livell għoli ta' kompetittività bejn l-Istati Membri eliġibbli għall-finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni];
 - (b) enerġija: EUR [x] miljun;
 - (c) diġitali: EUR [x] miljun.

Programm Ewropa Diġitali

35. Il-Programm Ewropa Diġitali ser jinvesti f'kapaċitajiet diġitali strateġiċi ewlenin bħalma huma l-informatika ta' prestazzjoni għolja, l-intelliġenza artifiċjali u ċ-ċibersigurtà tal-UE. Hu ser jikkomplementa strumenti oħra, partikolarment Orizzont Ewropa u l-FNE, fl-appoġġ tat-trasformazzjoni diġitali tal-Ewropa.

INTESTATURA 2 - KOEŻJONI U VALURI

36. L-għan ta' din l-Intestatura huwa li tikkontribwixxi għall-valur miżjud tal-UE billi trawwem il-konverġenza, tappoġġa l-investment, toħloq l-impjiegi u t-tkabbir, tgħin biex jitnaqqsu d-disparitajiet ekonomiċi, soċjali u territorjali fi ħdan l-Istati Membri u madwar l-Ewropa u tagħti riżultat mill-aġenda ta' Bratislava u ta' Ruma. Din l-Intestatura tinvesti fi żvilupp u koeżjoni reġjonali għal Unjoni Ekonomika u Monetarja aktar profonda, u fiċ-ċittadini, il-koeżjoni soċjali u l-valuri. Din l-Intestatura ser ikollha rwol kruċjali fil-kontribuzzjoni għal tkabbir sostenibbli u koeżjoni soċjali u fil-promozzjoni tal-valuri komuni.
37. L-appropriazzjonijiet ta' impenn għal din l-Intestatura, li jinkludu [sottolimitu] JEW [sub-Intestatura] għal "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" mhux ser jeċċedu l-livell li ġej:

KOEŻJONI U VALURI						
(EUR miljun, prezzijiet tal-2018)						
2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
X	X	X	X	X	X	X
li minnu: Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali						
X	X	X	X	X	X	X

Politika ta' Koeżjoni

38. L-objettiv ewlieni tal-Politika ta' Koeżjoni huwa li tiżviluppa u taħdem għal azzjonijiet li jwasslu għat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali billi tikkontribwixxi għat-tnaqqis fid-disparitajiet bejn il-livelli ta' żvilupp tar-reġjuni varji u r-ritard ta' daww ir-reġjuni li huma inqas favoriti. Permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-qasam tal-ġestjoni kondiviża tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK), hija ser taħdem għal dawn l-għanijiet: "Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir" fi Stati Membri u reġjuni, li għandu jiġi appoġġat mill-Fondi kollha; u "kooperazzjoni territorjali Ewropea", li għandha tiġi appoġġata mill-FEŻR.
39. Il-politika ta' koeżjoni ser ikollha rwol dejjem aktar importanti fl-appoġġ tal-proċess ta' riforma ekonomika kontinwa mill-Istati Membri billi ssaħħa ir-rabta mas-Semestru Ewropew. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti matul il-proċess kollu.
40. Ir-riżorsi għall-għan tal-"Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir" ser jammontaw għal total ta' EUR [x] miljun u ser jiġu allokat i kif ġej:
- a) EUR [x] miljun għal reġjuni inqas żviluppati;
 - b) EUR [x] miljun għal reġjuni fi transizzjoni;
 - c) EUR [x] miljun għal reġjuni aktar żviluppati;
 - d) EUR [x] miljun għall-Istati Membri appoġġati mill-Fond ta' Koeżjoni;
 - e) EUR [x] miljun bħala finanzjament addizzjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi identifikati fl-Artikolu 349 TFUE u r-reġjuni fil-livell 2 tan-NUTS li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 6 għall-Att ta' Adeżjoni tal-1994.

41. [Fl-2024, il-Kummissjoni fl-aġġustament tekniku tagħha għas-sena 2025, ser terġa' teżamina l-allokazzjonijiet kollha taħt l-għan ta' investiment għall-impjiegi u t-tkabbir ta' kull Stat Membru mill-2025 sal-2027, filwaqt li tapplika l-metodu ta' allokazzjoni fuq il-bażi tal-aktar statistika reċenti disponibbli u tal-paragun, għall-Istati Membri li għandhom limitu massimu, bejn il-PDG nazzjonali akkumulat osservat fis-snin 2021 sal-2023 u l-PDG nazzjonali akkumulat stmat fl-2018. Hija għandha taġġusta dawk l-allokazzjonijiet totali meta jkun hemm diverġenza kumulattiva ta' aktar minn $[\pm 5]\%$. L-aġġustamenti meħtieġa għandhom jitqassmu fi proporzjonijiet ugwali fuq is-snin 2025 sal-2027. Is-somma tal-aġġustamenti kollha tal-Istati Membri, pożittivi jew negattivi, mhix ser teċċedi EUR [4000] miljun.]
42. L-ammont ta' riżorsi disponibbli għall-FSE+ taħt l-għan ta' Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir ser ikun ta' EUR [x] miljun, inkluż il-finanzjament speċifiku għar-reġjuni ultraperiferiċi ta' EUR [x] miljun. [EUR [x] miljun tar-riżorsi tal-FSE + għall-għan ta' Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir ser jiġu allokati għall-kooperazzjoni transnazzjonali li tappoġġa soluzzjonijiet innovattivi taħt ġestjoni diretta jew indiretta.]
43. [L-Istati Membri jistgħu jitolbu t-trasferiment ta' mhux aktar minn $[5]\%$ tal-allokazzjonijiet finanzjarji għall-programmi bejn il-FEŻR u l-FSE+ fi ħdan allokazzjoni ta' Stat Membru għall-għan ta' "Investiment f'impjiegi u tkabbir"].
44. L-ammont ta' sostenn mill-Fond ta' Koeżjoni li għandu jiġi ttrasferit għall-FNE ser ikun ta' EUR [x] miljun. L-allokazzjonijiet mill-Fond ta' Koeżjoni ta' kull Stat Membru għandhom jitnaqqsu skont dan. Il-modalitajiet tal-użu tal-ammont trasferit huma inklużi taħt l-Intestatura 1, FNE.

45. Ir-riżorsi għall-għan tal-"kooperazzjoni territorjali Ewropea" (Interreg) ser jammontaw għal total ta' EUR [x] miljun u ser jitqassmu kif ġej:
- a) total ta' EUR [x] miljun għall-kooperazzjoni transkonfinali;
 - b) total ta' EUR [x] miljun għall-kooperazzjoni transnazzjonali;
 - c) total ta' EUR [x] miljun għall-kooperazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi;
 - d) total ta' EUR [x] miljun għall-kooperazzjoni interreġjonali;
 - [e) total ta' EUR [x] miljun għall-investimenti interreġjonali fl-innovazzjoni.]
46. [0.35] % tar-riżorsi globali ser jiġu allokat i għal assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni.

Definizzjonijiet u eliġibbiltà

47. Ir-riżorsi mill-FEŻR u l-FSE + għall-għan ta' "Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir" ser jiġu allokat i għal tliet tipi ta' reġjuni tal-livell 2 tan-NUTS, [b'kont meħud tal-klassifikazzjoni NUTS mill-2016 'il quddiem,] definiti abbażi ta' kif il-PDG per capita tagħhom, imkejjel skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist ("PPS") u kkalkolat abbażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perijodu [2014 sal-2016], jirrelata mal-PDG medju tal-UE-27 għall-istess perijodu ta' referenza, kif ġej:
- a) reġjuni anqas żviluppati, li l-PDG per capita tagħhom ikun anqas minn [75]% tal-PDG medju tal-UE-27;
 - b) reġjuni fi transizzjoni, li l-PDG per capita tagħhom ikun bejn [75]% u [100]% tal-PDG medju tal-UE-27;
 - c) reġjuni anqas żviluppati, li l-PDG per capita tagħhom ikun oġġla minn [100%] tal-PDG medju tal-UE-27.
48. Il-Fond ta' Koeżjoni ser jappoġġa lil daw k l-Istati Membri li d-dħul nazzjonali gross (DNG) per capita tagħhom, imkejjel skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist ("PPS") u kkalkolat abbażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perijodu [2014 sal-2016], ikun anqas minn 90 % tad-DNG medju per capita tal-UE-27 għall-istess perijodu ta' referenza.

Metodoloġija dwar l-allokazzjoni tar-riżorsi globali għal kull Stat Membru għall-perijodu 2021-27:

Metodu ta' allokazzjoni għar-reġjuni anqas żviluppati eliġibbli fil-qafas tal-għan ta' Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir

49. L-allokazzjoni ta' kull Stat Membru hija t-total tal-allokazzjonijiet għar-reġjuni individwali eliġibbli tiegħu, ikkalkulat skont il-passi segwenti:
- a) id-determinazzjoni ta' ammont assolut kull sena (f'euro) miksub bil-multiplikazzjoni tal-popolazzjoni tar-reġjun ikkonċernat bid-differenza bejn il-PDG per capita ta' dak ir-reġjun, imkejjel skont il-PPS, u l-PDG medju per capita skont il-PPS tal-UE-27;
 - b) l-applikazzjoni ta' perċentwali tal-ammont assolut ta' hawn fuq sabiex jiġi determinat il-pakkett finanzjarju ta' dak ir-reġjun; din il-perċentwali hija gradwata sabiex tirrifletti l-prospertà relattiva, imkejla skont il-PPS, meta mqabbel mal-medja tal-UE-27, tal-Istat Membru li fih jinsab ir-reġjun eliġibbli, jiġifieri:
 - i. għar-reġjuni fl-Istati Membri li l-livell tad-DNG per capita tagħhom ikun anqas minn [82]% tal-medja tal-UE: [2.8]%;
 - ii. għar-reġjuni fl-Istati Membri li l-livell tad-DNG per capita tagħhom ikun bejn [82]% u [99]% tal-medja tal-UE: [1.3]%;
 - iii. għar-reġjuni fl-Istati Membri li l-livell tad-DNG per capita tagħhom ikun iżjed minn [99]% tal-medja tal-UE: [0.9]%.
 - c) mal-ammont miksub taħt il-pass (b) jiżdied, jekk ikun applikabbli, ammont li jirriżulta mill-allokazzjoni ta' primjum ta' EUR [500] għal kull persuna qiegħda fis-sena, applikat għan-numru ta' persuni qiegħda f'dak ir-reġjun li jaqbeż in-numru li jkunu qiegħda li kieku kienet tapplika r-rata medja tal-qgħad tar-reġjuni anqas żviluppati kollha tal-UE;
 - d) mal-ammont miksub taħt il-pass (c) jiżdied, jekk ikun applikabbli, ammont li jirriżulta mill-allokazzjoni ta' primjum ta' EUR [500] għal kull persuna żagħżugħa qiegħda (grupp ta' età 15-24) fis-sena, applikat għan-numru ta' żgħażaġh qiegħda f'dak ir-reġjun li jaqbeż l-għadd ta' dawk li jkunu qiegħda li kieku kienet tapplika r-rata medja tal-qgħad fost iż-żgħażaġh tar-reġjuni anqas żviluppati kollha tal-UE;

- e) mal-ammont miksub taħt il-pass (d) jiżdied, jekk ikun applikabbli, ammont li jirriżulta mill-allokazzjoni ta' primjum ta' EUR [250] għal kull persuna (grupp ta' età 25-64) fis-sena, applikat għall-għadd ta' persuni f'dak ir-reġjun li jkollu jitnaqqas sabiex jintlaħaq il-livell medju ta' rata baxxa ta' edukazzjoni (inqas minn edukazzjoni primarja, edukazzjoni primarja u sekondarja tal-ewwel livell) tar-reġjuni inqas żviluppati kollha tal-UE;
- f) [mal-ammont miksub taħt il-pass (e) jiżdied, jekk ikun applikabbli, ammont ta' EUR [1] għal kull tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO2 fis-sena applikat għas-sehem tal-popolazzjoni tar-reġjun tal-għadd ta' tunnellati ta' ekwivalenti ta' CO2 li bih l-Istat Membru jaqbeż il-mira ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra barra mill-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet stabbilita għall-2030 kif proposta mill-Kummissjoni fl-2016;]
- g) [mal-ammont miksub taħt il-pass (f) jiżdied, jekk ikun applikabbli, ammont li jirriżulta mill-allokazzjoni ta' primjum ta' EUR [400] għal kull persuna fis-sena, applikat għas-sehem tal-popolazzjoni tar-reġjuni b'migrazzjoni netta minn barra l-UE lejn l-Istat Membru mill-[1 ta' Jannar 2013] 'il quddiem.]

Metodu ta' allokazzjoni għar-reġjuni ta' transizzjoni eliġibbli skont l-għan ta' Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir

50. L-allokazzjoni ta' kull Stat Membru hija t-total tal-allokazzjonijiet għar-reġjuni individwali eliġibbli tiegħu, ikkalkulat skont il-passi segwenti:

- a) determinazzjoni tal-intensità ta' għajjnuna teoretika minima u massima għal kull reġjun ta' transizzjoni eliġibbli. Il-livell minimu ta' appoġġ huwa determinat mill-intensità ta' għajjnuna per capita medja inizjali tar-reġjuni aktar żviluppati kollha, jiġifieri EUR [18] per capita u kull sena. Il-livell massimu ta' appoġġ jirreferi għal reġjun teoretiku bi PDG per capita ta' [75]% tal-medja tal-UE-27 u huwa kkalkulat bl-użu tal-metodu ddefinit fil-paragrafu 49 (a) u (b) ta' hawn fuq. Mill-ammont miksub b'dan il-metodu, jittieħed kont ta' ;%[60]
- b) kalkolu tal-allokazzjonijiet reġjonali inizjali, b'kont meħud tal-PDG reġjonali per capita (skont il-PPS) permezz ta' interpolazzjoni lineari tal-PDG relattiv tar-reġjun per capita meta mqabbel mal-UE-27;

- c) mal-ammont miksub taħt il-pass (b) jiżdied, jekk ikun applikabbli, ammont li jirriżulta mill-allokazzjoni ta' primjum ta' EUR [500] għal kull persuna qiegħda fis-sena, applikat għall-għadd ta' persuni qiegħda f'dak ir-reġjun li jaqbeż l-għadd ta' dawk li jkunu qiegħda li kieku kienet tapplika r-rata medja tal-qgħad tar-reġjuni anqas żviluppati kollha tal-UE;
- d) mal-ammont miksub taħt il-pass (c) jiżdied, jekk ikun applikabbli, ammont li jirriżulta mill-allokazzjoni ta' primjum ta' EUR [500] għal kull persuna żagħżuġha qiegħda (grupp ta' età 15-24) fis-sena, applikat għall-għadd ta' żgħażaġh qiegħda f'dak ir-reġjun li jaqbeż l-għadd ta' dawk li jkunu qiegħda li kieku kienet tapplika r-rata medja tal-qgħad fost iż-żgħażaġh tar-reġjuni anqas żviluppati kollha tal-UE;
- e) mal-ammont miksub skont il-punt (d) jiżdied, jekk ikun applikabbli, ammont li jirriżulta mill-allokazzjoni ta' primjum ta' EUR [250] għal kull persuna (grupp ta' età 25-64) fis-sena, applikat għall-għadd ta' persuni f'dak ir-reġjun li jkollu jitnaqqas sabiex jintlaħaq il-livell medju ta' rata baxxa ta' edukazzjoni (inqas minn edukazzjoni primarja, edukazzjoni primarja u sekondarja tal-ewwel livell) tar-reġjuni inqas żviluppati kollha;
- f) [mal-ammont miksub skont il-punt (e) jiżdied, jekk ikun applikabbli, ammont ta' EUR [1] għal kull tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO2 fis-sena applikat għas-sehem tal-popolazzjoni tar-reġjun tal-għadd ta' tunnellati ta' ekwivalenti ta' CO2 li bih l-Istat Membru jaqbeż il-mira ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra barra mill-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet stabbiliti għall-2030 kif proposta mill-Kummissjoni fl-2016;]
- g) [mal-ammont miksub skont il-punt (f) jiżdied ammont li jirriżulta mill-allokazzjoni ta' primjum ta' EUR [400] għal kull persuna fis-sena, applikat għas-sehem tal-popolazzjoni tar-reġjun b'migrazzjoni netta minn barra l-UE lejn Stat Membru mill-[1 ta' Jannar 2013] 'il quddiem.]

Metodu ta' allokazżjoni għar-reġjuni aktar żviluppati eliġibbli skont l-għan ta' Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir

51. Il-pakkett finanzjarju teoretiku inizjali totali ser jinkiseb billi l-intensità ta' għajjnuna per capita u fis-sena ta' EUR [18] tiġi multiplikata bil-popolazzjoni eliġibbli.
52. Is-sehem ta' kull Stat Membru kkonċernat ser ikun it-total tal-ishma tar-reġjuni eliġibbli tiegħu, li jiġu determinati abbażi tal-kriterji segwenti, ponderati kif indikat:
- a) il-popolazzjoni reġjonali totali (ponderazzjoni ta' [20] %);
 - b) l-għadd ta' persuni qiegħda fir-reġjuni ta' livell 2 tan-NUTS b'rata ta' qgħad 'il fuq mill-medja tar-reġjuni aktar żviluppati kollha (ponderazzjoni ta' [15] %);
 - c) l-għadd ta' impjiegi li jrid jiżdied biex tintlaħaq ir-rata medja ta' impjieg (minn 20 sa 64 sena) tar-reġjuni aktar żviluppati kollha (ponderazzjoni ta' [20] %);
 - d) l-għadd ta' persuni b'età bejn 30 u 34 sena b'kisba ta' edukazzjoni terzjarja li għandu jiżdied biex tintlaħaq ir-rata medja tal-kisba tal-edukazzjoni terzjarja (minn 30 sa 34 sena) tar-reġjuni aktar żviluppati kollha (ponderazzjoni ta' [20] %);
 - e) l-għadd ta' persuni li jtilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ (minn 18 sa 24 sena) li għandu jitnaqqas biex tintlaħaq ir-rata medja ta' persuni li jtilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ (minn 18 sa 24 sena) tar-reġjuni aktar żviluppati kollha (ponderazzjoni ta' [15] %);
 - f) id-differenza bejn il-PDG osservat tar-reġjun (imkejjel skont il-PPS), u l-PDG reġjonali teoretiku li kieku r-reġjun kien ikollu l-istess PDG per capita bħar-reġjun l-aktar prosperu ta' livell 2 tan-NUTS (ponderazzjoni ta' [7,5] %);
 - g) il-popolazzjoni tar-reġjuni ta' livell 3 tan-NUTS b'densità ta' popolazzjoni inqas minn 12,5 abitanti/km² (ponderazzjoni ta' [2,5] %).
53. [Mal-ammonti tar-reġjun ta' livell 2 tan-NUTS miksba skont il-punt (52) jiżdied, jekk ikun applikabbli, ammont ta' EUR [1] għal kull tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO₂ fis-sena applikat għas-sehem tal-popolazzjoni tar-reġjun tal-għadd ta' tunnellati ta' ekwivalenti ta' CO₂ li bih l-Istat Membru jaqbeż il-mira ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra barra mill-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet stabbilita għall-2030 kif proposta mill-Kummissjoni fl-2016.]

54. [Mal-ammonti tar-reġjun ta' livell 2 tan-NUTS miksuba skont il-punt (53) jiżdied, jekk ikun applikabbli, ammont li jirriżulta mill-allokazzjoni ta' primjum ta' EUR [400] għal kull persuna fis-sena, applikat għas-sehem tal-popolazzjoni tar-reġjun b'migrazzjoni netta minn barra l-UE lejn Stat Membru mill-[1 ta' Jannar 2013] 'il quddiem.]

Metodu ta' allokazzjoni għall-Istati Membri eliġibbli għall-Fond ta' Koeżjoni

55. Il-pakkett finanzjarju ser jinkiseb billi l-intensità ta' għajjuna medja per capita u fis-sena ta' EUR [62.9] tiġi multiplikata bil-popolazzjoni eliġibbli. Kull allokazzjoni ta' Stat Membru eliġibbli ta' dan il-pakkett finanzjarju teoretiku tikkorrispondi għal perċentwali ibbażat fuq il-popolazzjoni, is-superfiċje tal-art u l-prosperità nazzjonali tiegħu, u ser tinkiseb billi jiġu applikati l-passi segwenti:
- a) kalkolu tal-medja aritmetika bejn l-ishma tal-popolazzjoni u tas-superfiċje tal-art ta' dak l-Istat Membru u l-popolazzjoni u s-superfiċje tal-art totali tal-Istati Membri eliġibbli kollha. Jekk, madankollu, is-sehem tal-popolazzjoni totali ta' Stat Membru jaqbeż is-sehem tiegħu tas-superfiċje tal-art totali b'fattur ta' ħamsa jew aktar, li jirrifletti densità ta' popolazzjoni estremament għolja, għal dan il-pass jintuża biss is-sehem tal-popolazzjoni totali;
 - b) aġġustament taċ-ċifri perċentwali miksuba b'koeffiċjenti li jirrappreżenta terz tal-perċentwali li bih id-DNG per capita tal-Istat Membru (imkejjet f'paritajiet tal-kapaċità tal-akkwist) għall-perijodu [2014-2016] jaqbeż jew jaqa' taħt id-DNG per capita medju tal-Istati Membri eliġibbli kollha (medja espressa b'ħala 100%).

Għal kull Stat Membru eliġibbli, is-sehem tal-Fond ta' Koeżjoni mhux ser ikun ogħla minn terz tal-allokazzjoni totali li minnu titnaqqas l-allokazzjoni għall-għan ta' żvilupp territorjali Ewropew wara l-applikazzjoni tal-paragrafi 58 sa 64. Dan l-aġġustament ser iżid proporzjonalment it-trasferimenti l-oħra kollha li jirriżultaw mill-paragrafi 49 sa 54.

Metodu ta' allokazżjoni għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea

56. [L-allokazżjoni ta' riżorsi skont l-Istat Membru, li tkopri l-kooperazzjoni transkonfinali, transnazzjonali u dik tar-reġjuni ultraperiferiċi hija determinata bħala t-total ponderat tal-ishma determinati abbażi tal-kriterji li ġejjin, ponderati kif indikat:
- a) il-popolazzjoni totali tar-reġjuni kollha tal-fruntieri fuq l-art ta' livell 3 tan-NUTS u ta' reġjuni oħra tal-livell 3 tan-NUTS li fihom tal-anqas nofs il-popolazzjoni reġjonali toqgħod f'distanza li tasal sa [25] kilometru mill-fruntiera fuq l-art [u marittima] (ponderazzjoni ta' [36] %);
 - b) il-popolazzjoni li toqgħod f'distanza li tasal sa [25] kilometru mill-fruntieri fuq l-art (ponderazzjoni ta' [24] %);
 - c) il-popolazzjoni totali tal-Istati Membri (ponderazzjoni ta' [20] %);
 - d) il-popolazzjoni totali tar-reġjuni kollha ta' livell 3 tan-NUTS tul il-fruntieri tal-kosta u ta' reġjuni oħra ta' livell 3 tan-NUTS li fihom tal-anqas nofs il-popolazzjoni reġjonali toqgħod f'distanza li tasal sa [25] kilometru mill-fruntieri tal-kosta (ponderazzjoni ta' [9.8] %);
 - e) il-popolazzjoni li toqgħod f'żoni tal-fruntiera marittima f'distanza li tasal sa [25] kilometru mill-fruntieri tal-kosta (ponderazzjoni ta' [6.5] %);
 - f) il-popolazzjoni totali tar-reġjuni ultraperiferiċi (ponderazzjoni ta' [3.7] %).
- Is-sehem tal-komponent transkonfinali jikkorrispondi għat-total tal-ponderazzjonijiet tal-kriterji (a) u (b). Is-sehem tal-komponent transnazzjonali jikkorrispondi għat-total tal-ponderazzjonijiet tal-kriterji (c), (d) u (e). Is-sehem tal-kooperazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi jikkorrispondi għall-ponderazzjoni tal-kriterju (f).]

Metodu ta' allokazżjoni għall-finanzjament addizzjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi identifikati fl-Artikolu 349 TFUE u r-reġjuni ta' livell 2 tan-NUTS li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 6 għall-Att ta' Adeżjoni tal-1994

57. Allokazzjoni addizzjonali speċjali li tikkorrispondi għal intensità ta' għajjnuna ta' EUR [30] għal kull abitant fis-sena ser tkun allokata lir-reġjuni ultraperiferiċi ta' livell 2 tan-NUTS u lir-reġjuni tat-Tramuntana b'popolazzjoni baxxa ta' livell 2 tan-NUTS. Dik l-allokazzjoni ser titqassam skont ir-reġjun u l-Istat Membru b'mod proporzjonali għat-total tal-popolazzjoni ta' dawk ir-reġjuni.

Il-livelli minimi u massimi ta' trasferimenti mill-fondi li jappoġġaw il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali (limiti massimi u xbieki ta' sikurezza)

58. Sabiex issir kontribuzzjoni għall-ksib ta' konċentrazzjoni adegwata ta' fondi ta' koeżjoni fir-reġjuni u l-Istati Membri l-inqas żviluppati u għat-tnaqqis tad-differenzi fil-medja ta' intensitajiet ta' għajjnuna per capita, il-livell massimu ta' trasferiment (limitu massimu) mill-Fondi għal kull Stat Membru individwali ser ikun ta' $[[x]]\%$ tal-PDG tagħhom] JEW [determinat bħala perċentwali tal-PDG tal-Istat Membru, fejn dawn il-perċentwali ser ikunu kif ġej:
- a) għal Stati Membri li d-DNG medju per capita tagħhom (skont il-PPS) [għall-perijodu 2014-2016] huwa inqas minn $[60]\%$ tal-medja tal-UE-27: $[2.3]\%$ tal-PDG tagħhom;
 - b) għal Stati Membri li d-DNG medju per capita tagħhom (skont il-PPS) [għall-perijodu 2014-2016] huwa ugwali għal jew ogħla minn $[60]\%$ u inqas minn $[65]\%$ tal-medja tal-UE-27: $[1.85]\%$ tal-PDG tagħhom;
 - c) għal Stati Membri li d-DNG medju per capita tagħhom (skont il-PPS) [għall-perijodu 2014-2016] huwa ugwali għal jew ogħla minn $[65]\%$ tal-medja tal-UE-27: $[1.55]\%$ tal-PDG tagħhom.]

Il-limitu massimu ser ikun applikat fuq bażi annwali għall-projezzjonijiet tal-PDG tal-Kummissjoni Ewropea, u - jekk ikun applikabbli - ser inaqqas proporzjonalment it-trasferimenti kollha (ħlief għar-reġjuni aktar żviluppati u l-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea) għall-Istat Membru kkonċernat sabiex jinkiseb il-livell massimu ta' trasferiment.

59. Ir-regoli deskritti fil-paragrafu 58 mhux ser jirriżultaw f'allokazzjonijiet għal kull Stat Membru li jkunu ogħla minn $[108]\%$ tal-livell tagħhom f'termini reali għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Dan l-aġġustament ser jiġi applikat proporzjonalment għat-trasferimenti kollha (ħlief għall-għan ta' żvilupp territorjali Ewropew) lill-Istat Membru kkonċernat sabiex jinkiseb il-livell massimu ta' trasferiment.
60. Sabiex jiġu kkonsolidati l-isforzi ta' konverġenza u biex jiġi żgurat li t-transizzjoni tkun mingħajr xkiel u gradwali, l-allokazzjoni totali minima mill-Fondi għal Stat Membru ser tikkorrispondi għal $[76]\%$ tal-allokazzjoni totali individwali tiegħu għall-2014-2020. L-aġġustamenti meħtieġa għall-issodisfar ta' dan ir-rekwiżit ser jiġu applikati b'mod proporzjonat għall-allokazzjonijiet mill-Fondi, bl-esklużjoni tal-allokazzjonijiet tal-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea.

61. L-allokazzjoni totali massima mill-Fondi għal Stat Membru li jkollu DNG per capita (skont il-PPS) ta' mill-inqas [120]% tal-medja tal-UE-27 ser tikkorrispondi għal [[x]% ta'] l-allokazzjoni totali individwali tiegħu għall-2014-2020. L-aġġustamenti meħtieġa għall-issodisfar ta' dan ir-rekwiżit ser jiġu applikati b'mod proporzjonat għall-allokazzjonijiet mill-Fondi, bl-esklużjoni tal-allokazzjoni tal-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea.

Provvedimenti ta' allokazzjonijiet addizzjonali

62. Għar-reġjuni kollha li ġew ikklassifikati bħala reġjuni inqas żviluppati għall-perijodu ta' programmazzjoni 2014-2020, iżda li l-PDG per capita tagħhom ikun ogħla minn [75]% tal-medja tal-UE-27, il-livell annwali minimu ta' appoġġ taħt l-għan ta' Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir ser jikkorrispondi għal [60]% tal-allokazzjoni annwali medja indikattiva preċedenti tagħhom taħt l-għan ta' Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir, ikkalkulata mill-Kummissjoni fi ħdan il-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020.
63. L-ebda reġjun ta' transizzjoni mhu ser jirċievi inqas minn dak li kieku rċieva li kieku kien reġjun aktar żviluppat.
64. Total ta' EUR [x] miljun ser jiġi allokati għall-programm PEACE PLUS fejn ikun qed jaġixxi b'appoġġ għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni. Barra minn hekk, mill-inqas EUR [x] miljun ser jiġu allokati għall-programm PEACE PLUS [mill-allokazzjoni għall-Irlanda taħt l-għan ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (Interreg)] għat-tkomplija ta' kooperazzjoni transkonfinali bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar.

Rati ta' kofinanzjament

65. Ir-rata ta' kofinanzjament għall-għan ta' Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir fil-livell ta' kull [priorità] JEW [programm] mhux ser tkun ogħla minn:
- a) [70]% għar-reġjuni anqas żviluppati;
 - b) [[x]% għal reġjuni ta' transizzjoni li fil-perijodu ta' programmazzjoni 2014-2020 ġew ikklassifikati bħala reġjuni inqas żviluppati;]

- c) [55]% għar-reġjuni ta' transizzjoni;
- d) [40]% għar-reġjuni aktar żviluppati.

Ir-rati ta' kofinanzjament għar-reġjuni ultraperiferiċi mhux ser ikunu ogħla minn [70]%.

Ir-rata ta' kofinanzjament għall-Fond ta' Koeżjoni fil-livell ta' kull [priorità] JEW [programm] mhux ser tkun ogħla minn [70]%.

Jistgħu japplikaw rati ta' kofinanzjament ogħla għal prijoritajiet li jappoġġaw azzjonijiet innovattivi fil-qafas tal-FSE+.

Ir-rata ta' kofinanzjament għall-programmi Interreg mhux ser tkun ogħla minn [70]%.

Jistgħu japplikaw rati ta' kofinanzjament ogħla għal programmi ta' kooperazzjoni transkonfinali esterna fil-qafas tal-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg).

Il-miżuri ta' assistenza teknika implementati fuq inizzjattiva tal-Kummissjoni jew f'isimha jistgħu jiġu ffinanzjati bir-rata ta' [100]%.

Miżuri marbuta ma' governanza ekonomika soda

66. Għandhom jinżammu [u jiġu rfinati aktar] il-mekkaniżmi li jiżguraw rabta bejn il-politiki ta' finanzjament tal-Unjoni u l-governanza ekonomika tal-Unjoni, fejn il-Kummissjoni tkun tista' tagħmel proposta lill-Kunsill biex jiġu sospiżi l-impenji jew il-pagamenti kollha jew parti minnhom għal programm wieħed jew aktar tal-Istat Membru kkonċernat meta dak l-Istat Membru jonqos milli jieħu azzjoni effettiva fil-kuntest tal-proċess ta' governanza ekonomika.

Rati ta' prefinanzjament

67. Il-Kummissjoni ser tħallas prefinanzjament ibbażat fuq l-appoġġ totali mill-Fondi stabbilit fid-deċiżjoni li tapprova l-programm. Il-prefinanzjament għal kull Fond ser jitħallas f'pagamenti annwali, soġġett għad-disponibbiltà ta' fondi, kif ġej:
 - a) 2021: [0.5]%;
 - b) 2022: [0.5]%;
 - c) 2023: [0.5]%;
 - d) 2024: [0.5]%;
 - e) 2025: [0.5]%;
 - f) 2026: [0.5]%.

Regoli speċifiċi dwar il-prefinanzjament ser jiġu stabbiliti għall-programmi Interreg.

Regoli ta' diżimpenn

68. Kwalunkwe ammont fi programm li ma ntużax għall-prefinanzjament jew li għalih ma ġietx ippreżentata applikazzjoni għal pagament sas-26 ta' Diċembru tat-tieni sena kalendarja wara s-sena tal-impenji baġitarji għas-snin 2021 sal-2026 ser jiġi diżimpenjat. [L-ammont li jiġi kopert minn prefinanzjament jew applikazzjonijiet ta' pagament sal-limitu ta' żmien li jikkonċerna l-impenn baġitarju tal-2021 ser ikun ta' [60]% ta' dak l-impenn. [10]% tal-impenn baġitarju tal-2021 ser jiżdied ma' kull impenn baġitarju għas-snin 2022 sal-2025 għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammonti li għandhom jiġu koperti].

JEW

Kwalunkwe ammont fi programm li ma ntużax għall-prefinanzjament jew li għalih ma ġietx ippreżentata applikazzjoni għal pagament sas-26 ta' Diċembru tat-tielet sena kalendarja wara s-sena tal-impenji baġitarji għas-snin 2021 sal-2026 ser jiġi diżimpenjat.

Konċentrazzjoni tematika tal-appoġġ tal-FEŻR

69. Fir-rigward ta' programmi implimentati fil-qafas tal-għan ta' Investiment għall-impjiegi u tkabbir, ir-riżorsi totali tal-FEŻR f'kull Stat Membru ser ikunu kkonċentrati fil-livell nazzjonali kif ġej:

- a) L-Istati Membri bi proporzjon ta' dħul nazzjonali gross ugwali għal jew ogħla minn [100]% ser jallokaw mill-inqas [85]% tar-riżorsi totali tagħhom fl-ambitu tal-FEŻR taħt priyoritajiet għajr dawk ta' assistenza teknika għal objettivi "intelliġenti" u "ekoloġiċi", u mill-inqas [60]% għal dawk "intelliġenti";
- b) L-Istati Membri bi proporzjon ta' dħul nazzjonali gross ugwali għal jew ogħla minn [75]% u inqas minn [100]% ser jallokaw mill-inqas [45]% tar-riżorsi totali tagħhom fl-ambitu tal-FEŻR taħt priyoritajiet għajr dawk ta' assistenza teknika għal objettivi "intelliġenti", u mill-inqas [30]% għal dawk "ekoloġiċi";
- c) L-Istati Membri bi proporzjon ta' dħul nazzjonali gross taħt [75]% tal-medja tal-UE ser jallokaw mill-inqas [35]% tar-riżorsi totali tagħhom fl-ambitu tal-FEŻR taħt priyoritajiet għajr dawk ta' assistenza teknika għal objettivi "intelliġenti", u mill-inqas [30]% għal dawk "ekoloġiċi".

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-proporzjon tad-dħul nazzjonali gross ifisser il-proporzjon bejn id-dħul nazzjonali gross per capita ta' Stat Membru, imkejjet skont l-istandards ta' kapaċità tal-akkwist u kkalkulat abbażi ta' ċifri tal-Unjoni għall-perijodu mill-[2014 sal-2016], u d-dħul nazzjonali gross medju per capita skont l-istandards ta' kapaċità tal-akkwist tas-27 Stat Membru għal dak l-istess perijodu ta' referenza.

Appoġġ lill-Komunità Ċiprijotta-Torka

70. Din l-Intestatura ser tiffinanzja wkoll l-appoġġ lill-komunità Ċiprijotta-Torka.

Unjoni Ekonomika u Monetarja

71. [Il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi ser jipprovdi appoġġ tekniku u finanzjarju għal riformi fil-livell nazzjonali b'allokazzjoni totali ta' EUR [x] miljun, li minnhom:

- sa EUR [x] miljun għal Għodda għat-Twettiq ta' Riformi bl-għoti ta' inċentivi finanzjarji fl-Istati Membri kollha għar-riformi ewlenin rilevanti identifikati bħala parti mis-Semestru Ewropew. Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima disponibbli hija kkalkulata bl-użu ta' kriterji u metodoloġija bbażati fuq [il-popolazzjoni] ta' kull Stat Membru;
- sa EUR [x] miljun għal Faċilità ta' Konverġenza ddedikata biex tappoġġa lil Stati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro u li qed jipprovaw jadottaw il-munita unika. Allokazzjonijiet previsti għall-Faċilità ta' Konverġenza ser jiġu [trasferiti għall-Għodda għat-Twettiq ta' Riformi] JEW [ikkanċellati] jekk sa tmiem l-2023 Stat Membru eliġibbli ma jkunx ħa l-passi neċessarji biex jitlob appoġġ mill-Faċilità ta' Konverġenza;
- sa EUR [x] miljun għall-istrument ta' appoġġ tekniku li jipprovdi lill-Istati Membri, fuq talba tagħhom, appoġġ għad-disinn u l-implimentazzjoni ta' riformi.]

72. [Funzjoni Ewropea ta' Stabbilizzazzjoni tal-Investimenti ġdida ser tikkomplementa l-istrumenti eżistenti fil-livell nazzjonali u Ewropew biex jiġu assorbiti xokkijiet makroekonomiċi asimetriċi kbar fiż-żona tal-euro, billi jiġi pprovdut self back-to-back li jasal sa EUR [30] biljun garantit mill-baġit tal-UE taħt il-limitu massimu tar-riżorsi proprji. Is-self ser ikun disponibbli għal Stati Membri li jikkonformaw ma' kriterji stretti ta' eliġibbiltà għal politiki fiskali u ekonomiċi sodi. Barra minn hekk, jista' jiġi pprovdut sussidju mill-Fond ta' Appoġġ għall-Istabbilizzazzjoni biex tiġi koperta r-rata tal-imgħax fuq is-self mogħti fil-qafas tal-Funzjoni Ewropea ta' Stabbilizzazzjoni tal-Investimenti. Dan is-sussidju ser ikun iffinanzjat, b'mod partikolari, minn kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri fiż-żona tal-euro ekwivalenti għal sehem tad-dħul monetarju (sinjoraġġ). Il-Funzjoni Ewropea ta' Stabbilizzazzjoni tal-Investimenti ser tkun miftuħa għal Stati Membri fiż-żona tal-euro u Stati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro li jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu Ewropew tar-Rati tal-Kambju II.]

Investiment fin-nies, koeżjoni soċjali u valuri

73. Il-FSE+ ser jagħti appoġġ komprensiv għall-impjiegi taż-żgħażaġh, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, l-inklużjoni soċjali u t-tnaqqis tal-faqar billi jgħaqqad programmi eżistenti: il-Fond Soċjali Ewropew, l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ, il-Fond għal Għajjnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn, il-programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u l-programm għas-Saħħa [kif ukoll il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni].

Il-pakkett finanzjarju totali għall-FSE + għall-perijodu 2021-2027 ser ikun EUR [x] miljun, li minnhom:

- EUR [x] miljun għall-fergħa tal-FSE+ taħt ġestjoni diretta u indiretta;
- EUR [x] miljun għall-fergħa tal-FSE+ taħt ġestjoni kondiviża taħt il-mira tal-Investment għall-Impjiegi u t-Tkabbir.

[Il-fergħa ta' ġestjoni kondiviża ser tibqa' taħt subintestatura flimkien mal-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni.]

74. B'rabta mar-riżorsi tal-FSE+ taħt ġestjoni kondiviża kull Stat Membru għandu jalloka:
- a) tal-inqas [25]% għall-oġġettivi speċifiċi għall-inklużjoni soċjali;
 - b) tal-inqas [2]% għall-oġġettiv speċifiku li jindirizza l-privazzjoni materjali;
 - c) tal-inqas [10]% għal azzjonijiet immirati għaż-żgħażaġħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) fil-każ li r-rata tan-NEET tkun oġħla mill-medja tal-UE.
75. Fuq il-bażi tal-Erasmus+ eżistenti, il-programm il-ġdid ser jagħti opportunitajiet ta' taġħlim u mobbiltà lit-tfal tal-iskola, l-apprendisti, iż-żgħażaġħ, l-istudenti u l-ġħalliema. Ser jagħmel enfasi qawwija fuq l-inklużjoni ta' persuni b'anqas opportunitajiet u ser isaħħaħ l-opportunitajiet ta' kooperazzjoni transnazzjonali għall-universitajiet u għal istituzzjonijiet ta' edukazzjoni vokazzjonali u ta' taħriġ. Erasmus+ ser ikompli jappoġġa l-kooperazzjoni fil-qasam tal-Isport. Erasmus+ [mhux] ser jinkludi finanzjament għall-inizjattiva DiscoverEU.
76. Din l-Intestatura ser ttiprovdi finanzjament ukoll għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, il-Programm Ewropa Kreattiva kif ukoll il-Fond għall-Ġustizzja, għad-Drittijiet u għall-Valuri u l-Programm Pericles IV.

INTESTATURA 3 - RIŻORSI NATURALI U AMBJENT

77. Il-finanzjament f'din l-Intestatura jiffoka fuq il-kisba ta' valur miżjud permezz ta' politika agrikola, marittima u tas-sajd modernizzata u sostenibbli kif ukoll billi jsir progress fl-azzjoni klimatika u jiġi promoss il-ħarsien tal-ambjent u tal-bijodiversità. L-inkorporazzjoni tal-klima fil-baġit kollu u l-integrazzjoni mtejba tal-oġġettivi ambjentali jagħtu rwol ewlieni lil din l-Intestatura biex tintlaħaq il-mira ambizzjuża ta' [tal-inqas] [25]% tan-nefqa tal-UE li tikkontribwixxi għal oġġettivi klimatiċi.
78. L-approprijazzjonijiet ta' impenn għal din l-Intestatura, li tikkonsisti mill-politika agrikola u marittima, kif ukoll l-ambjent u l-azzjoni klimatika, mhux ser jaqbu l-livell li ġej:

RIŻORSI NATURALI U AMBJENT						
(EUR miljun, prezzijiet tal-2018)						
2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
X	X	X	X	X	X	X
li minnhom: Nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti						
X	X	X	X	X	X	X

Politika Agrikola Komuni

79. Politika Agrikola Komuni (PAK) riformata u modernizzata ser tiżgura aċċess għal ikel sikur, ta' kwalità għolja, bi prezzijiet li jintlaħqu, nutrittiv u varjat. Ser tappoġġa t-transizzjoni lejn settur agrikolu ekonomikament, ambjentalment u soċjalment sostenibbli u [dejjem aktar] orjentat lejn is-suq u l-iżvilupp ta' żoni rurali haġġin. Il-PAK ser tkompli tagħti riżultati b'rabta mal-oġġettivi stabbiliti fit-Trattati u tipprovdi standard ta' għajxien ġust għall-komunità agrikola. Il-PAK ser tqis ukoll b'mod sħiħ il-ħtiġijiet għall-benessri tal-annimali. Għandhom jitqiesu l-istruttura soċjali tal-agrikoltura u d-disparitajiet strutturali u naturali bejn id-diversi reġjuni agrikoli.
80. Mudell ta' implimentazzjoni ġdid li jlaqqa' flimkien iż-żewġ pilastru taħt strument waħdani ta' programmazzjoni - il-Pjan Strateġiku tal-PAK - ser jiżgura li jintlaħqu l-oġġettivi komuni stabbiliti fil-livell tal-UE. Il-mudell ta' implimentazzjoni ġdid ser jagħti aktar flessibbiltà lill-Istati Membri u jikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni. Is-sehem tan-nefqa tal-PAK li mistenni jkun iddedikat għall-azzjoni klimatika għandu jkun [tal-inqas] [40]%.
81. Il-Politika Agrikola Komuni għall-perijodu 2021-2027 ser tkompli tkun ibbażata fuq l-istruttura ta' żewġ pilastru:
- a) Il-Pilastru I (miżuri tas-suq u pagamenti diretti) ser jipprovdi appoġġ dirett lill-bdiewa u l-miżuri tas-suq tal-finanzi. Ser jikkontribwixxi, b'mod partikolari permezz ta' arkitettura ambjentali ġdida, għal livell ogħla ta' ambizzjoni ambjentali u klimatika tal-Politika Agrikola Komuni. Il-miżuri fil-Pilastru I, bħal fil-perijodu ta' finanzjament attwali, ser jiġu ffinanzjati kompletament mill-baġit tal-UE.
 - b) Il-Pilastru II (Żvilupp Rurali) ser jipprovdi beni pubbliċi klimatiċi u ambjentali speċifiċi, itejjeb il-kompetittività tas-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija, jippromwovi d-diversifikazzjoni tal-attività ekonomika u l-kwalità tal-ħajja u tax-xogħol f'żoni rurali inkluż iż-żoni b'limitazzjonijiet speċifiċi. Il-miżuri fil-Pilastru II ser jiġu kkofinanzjati mill-Istati Membri.

Pilastru I

Konverġenza Esterna

82. Il-konverġenza esterna tal-pagamenti diretti ser tkompli. L-Istati Membri kollha b'pagamenti diretti għal kull ettaru taħt id-[90]% tal-medja tal-UE ser inaqqsu [50]% tad-distakk bejn il-livell attwali medju tagħhom ta' pagamenti diretti u [90]% tal-medja tal-UE f'[sitt] passi indaqs mill-2022 'il quddiem. Din il-konverġenza ser tiġi ffinanzjata [b'mod proporzjonat] mill-Istati Membri kollha [li l-pagamenti diretti tagħhom għal kull ettaru huma aktar mill-medja tal-UE].

JEW

Mhux ser ikun hemm aktar konverġenza esterna ta' pagamenti diretti. Il-livelli attwali kollha ta' pagamenti diretti għal kull ettaru ser jiġu aġġustati [b'mod proporzjonat] skont il-limitu massimu ġenerali.

JEW

Il-konverġenza esterna tal-pagamenti diretti ser titlesta għalkollox sal-202[X].

Limitu massimu fuq pagamenti diretti għal bdiiewa fuq skala kbira

83. Ser jiġu introdotti [fuq bażi volontarja] l-iffissar ta' limitu massimu fuq il-pagamenti diretti għal benefiċjarji fuq skala kbira u d-digressività tagħhom. [Il-pagamenti għal skemi ekoloġiċi għandhom ikunu eżentati mil-limiti massimi u d-digressività].

84. Fil-bidu ta' kull sena, għandha tiġi stabbilita fil-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) riżerva maħsuba biex tagħti appoġġ lis-settur agrikolu għall-iskop tal-ġestjoni jew l-istabbilizzazzjoni tas-suq jew fil-każ ta' kriżijiet li jolqtu l-produzzjoni jew id-distribuzzjoni agrikola ("ir-riżerva agrikola"). L-ammont tar-riżerva agrikola għandu jkun ta' EUR [x] miljun fil-bidu ta' kull sena tal-perijodu 2021-2027. [L-ammonti mhux użati tar-riżerva għall-kriżijiet agrikoli fis-sena finanzjarja 2020 ser jiġu riportati għas-sena finanzjarja 2021 biex tinħoloq ir-riżerva]. [L-appropriazzjonijiet mhux impenjati tar-riżerva agrikola għandhom jiġu riportati fil-perijodu tal-QFP biex jiffinanzjaw ir-riżerva agrikola fis-snin finanzjarji ta' wara]. [Fil-każ li r-riżerva tintuża, ser terġa' timtela bl-użu tad-dħul eżistenti assenjat lill-FAEG, il-marġini disponibbli skont is-sottolimitu tal-FAEG jew mill-mekkaniżmu ta' dixxiplina finanzjarja.]

JEW

Ma tiġix stabbilita riżerva agrikola.

85. Il-mekkaniżmu ta' dixxiplina finanzjarja jibqa' sabiex jiżgura li jitħares is-sottolimitu tal-FAEG.

Flessibilità bejn il-pilastri

86. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu disponibbli, bħala appoġġ addizzjonali:

- għall-miżuri fil-programmazzjoni tal-iżvilupp rurali ffinanzjati fil-qafas tal-FAEŻR fis-snin finanzjarji 2022-2027, sa [15]% tal-limiti massimi nazzjonali annwali tagħhom li jinsabu fl-Anness IV wara t-tnaqqis tal-allokazzjonijiet għall-qoton li jinsabu fl-Anness VI għas-snin kalendarji 2021 sal-2026 tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi. B'riżultat ta' dan, l-ammont korrispondenti mhux ser jibqa' disponibbli għall-ġoti ta' pagamenti diretti. Il-limitu jista' jiżdied bi [15-il] punt perċentwali dment li l-Istati Membri jużaw iż-żieda korrispondenti għal interventi ffinanzjati mill-FAEŻR li jindirizzaw objettivi speċifiċi marbutin mal-ambjent u l-klima u b'[2] punti perċentwali dment li l-Istati Membri jużaw iż-żieda korrispondenti għal interventi ffinanzjati mill-FAEŻR biex jiġu appoġġati bdiewa żgħażaġh.

- sa [15]% tal-allokkazzjoni tal-Istat Membru għall-FAEŻR fis-snin finanzjarji 2022-2027 għall-allokkazzjoni tal-Istat Membru għall-pagamenti diretti kif imniżżla fl-Anness IV tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi għas-snin kalendarji 2021 sal-2026 [dment li l-Istati Membri jużaw iż-żieda korrispondenti għal skemi ekoloġiċi]. B'riżultat ta' dan, l-ammont korrispondenti mhux ser jibqa' disponibbli għal appoġġ fil-qafas tal-iżvilupp rurali.

Pilastru II

Distribuzzjoni tal-appoġġ għall-iżvilupp rurali

87. L-allokkazzjoni għall-FAEŻR għall-perijodu 2021-2027 hija EUR [x] miljun li minnhom [0.25]% ser jintużaw għall-assistenza teknika tal-Kummissjoni.

Prefinanzjament tal-iżvilupp rurali

88. Għandu jitħallas prefinanzjament inizjali f'pagamenti parzjali kif ġej:
- fl-2021: [1]% tal-ammont tal-appoġġ mill-FAEŻR għat-tul ta' żmien kollu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK;
 - fl-2022: [1]% tal-ammont tal-appoġġ mill-FAEŻR għat-tul ta' żmien kollu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK;
 - fl-2023: [1]% tal-ammont tal-appoġġ mill-FAEŻR għat-tul ta' żmien kollu tal-Pjan Strateġiku tal-PAK.

Rati ta' kofinanzjament għall-appoġġ għall-iżvilupp rurali

89. Il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK għandhom jistabbilixxu rata ta' kontribuzzjoni [unika] mill-FAEŻR applikabbli għall-interventi kollha. Ir-rata ta' kontribuzzjoni massima mill-FAEŻR għandha tkun:
- [70]% tan-nefqa pubblika eliġibbli fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-gżejjer żgħar tal-Eġew fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 229/2013;
 - [70]% tan-nefqa pubblika eliġibbli fir-reġjuni anqas żviluppati;
 - [[x]% tan-nefqa pubblika eliġibbli fir-reġjuni fi tranżizzjoni;]

- d. [65]% tan-nefqa eliġibbli għal pagamenti għal limitazzjonijiet naturali jew limitazzjonijiet oħrajn speċifiċi għaż-żoni;
- e. [43]% tan-nefqa pubblika eliġibbli fir-reġjuni l-oħrajn.

Ir-rata ta' kontribuzzjoni minima tal-FAEŻR għandha tkun ta' [20]%. Għandha tapplika rata ta' kofinanzjament ogħla ta' [80]% għal impenji ambjentali, klimatiċi u impenji oħrajn ta' ġestjoni; għal żvantaġġi speċifiċi għaż-żoni li jirriżultaw minn ċerti rekwiżiti obbligatorji; għal investimenti mhux produttivi; għal appoġġ għas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni u għal LEADER. Japplika kofinanzjament ta' [100]% għall-fondi trasferiti lill-FAEŻR.

Regoli ta' diżimpenn

- 90. Il-Kummissjoni għandha awtomatikament tagħmel diżimpenn ta' kwalunkwe porzjon ta' impenn baġitarju għal interventi fl-iżvilupp rurali fi Pjan Strateġika tal-PAK li ma jkunx intuża għall-prefinanzjament jew biex isiru pagamenti interim b'rabta ma' nefqa li tkun saret sal-31 ta' Diċembru ta[t-tieni] JEW [it-tielet] sena wara dik tal-impenn baġitarju.

o

o o

- 91. Il-finanzjament taħt din l-Intestatura ser jappoġġa wkoll il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, li għandu fil-mira l-finanzjament għall-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), il-politika marittima tal-Unjoni u l-impenji internazzjonali tal-Unjoni fil-qasam tal-governanza tal-oċeani, partikolarment fil-kuntest tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli. Għaldaqstant ser jappoġġa s-sajd u l-akkwakultura sostenibbli u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, kif ukoll il-komunitajiet lokali li jiddependu minnhom.
- 92. L-Intestatura ser tkompli tiffinanzja l-programm għall-ambjent u l-azzjoni klimatika, LIFE, li ser jagħti appoġġ addizzjonali għall-konservazzjoni tal-bijodiversità, inkluż Natura 2000, u għat-trasformazzjoni tal-Unjoni f'soċjetà nadifa, ċirkolari, effiċjenti fl-enerġija, b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u reżiljenti għall-klima.

INTESTATURA 4 - MIGRAZZJONI U ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI

93. Din l-Intestatura tiffinanzja miżuri marbutin mal-ġestjoni tal-fruntieri esterni, il-migrazzjoni u l-asil, u b'hekk tagħti kontribut għat-twettiq tal-aġenda ta' Bratislava u ta' Ruma. L-azzjoni kkoordinata fil-livell tal-UE tagħti valur miżjud sinifikanti tal-UE peress li l-kontroll effettiv tal-fruntieri esterni huwa prerekwiżit biex tiġi żgurata ġestjoni aktar effiċjenti tal-migrazzjoni u livell għoli ta' sigurtà interna filwaqt li jitħares il-prinċipju tal-moviment liberu ta' persuni u oġġetti fi ħdan l-Unjoni. Il-Programmi taħt din l-Intestatura ser jgħinu lill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jwettqu approċċ komprensiv għall-migrazzjoni b'mod effettiv.
94. L-appropriazzjonijiet ta' impenn għal din l-Intestatura mhumex ser jaqbu l-livell hawn taħt:

MIGRAZZJONI U ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI						
(EUR miljun, prezzijiet tal-2018)						
2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
X	X	X	X	X	X	X

Migrazzjoni

95. Il-Fond għall-Asil u l-Migrazzjoni ser jappoġġa l-ħidma tal-Istati Membri biex jagħtu akkoljenza lill-persuni li jfittxu asil u biex jipprovdu miżuri ta' integrazzjoni. Ser jappoġġa wkoll l-iżvilupp ta' politika komuni dwar l-asil u l-migrazzjoni u jiffaċilita l-ġestjoni effettiva tal-migrazzjoni esterna u ritorni u kooperazzjoni msaħħa ma' pajjiżi terzi. Ser jiġi żgurati sinerġiji mal-politika ta' koeżjoni, li tappoġġa l-integrazzjoni soċjoekonomika, mal-politika esterna, li tindirizza d-dimensjoni esterna, inkluż il-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni, u permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni u s-sigurtà.

96. L-allokazzjoni għall-Fond għall-Asil u l-Migrazzjoni għall-perijodu 2021-2027 hija EUR [x] miljun u għandha tintuża kif ġej:

- (a) EUR [x] miljun ser jiġi allokati għall-programmi nazzjonali implimentati taħt ġestjoni kondiviża;
- (b) EUR [x] miljun ser jiġi allokati għall-faċilità tematika.

[L-ammonti ta' hawn fuq jinkludu komponent sinifikanti dedikat għall-ġestjoni tal-migrazzjoni esterna].

L-allokazzjonijiet lill-Istati Membri ser ikunu msejsin fuq kriterji oġġettivi marbutin mal-asil, il-migrazzjoni legali u l-integrazzjoni u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari inkluż ir-ritorni [u ser jiġi aġġornati fl-2024 b'effett mill-2025 fuq il-bażi tad-data statistika l-aktar reċenti li tkun disponibbli.]

Ġestjoni tal-Fruntieri

97. Il-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri ser jagħti appoġġ għar-responsabbiltà kondiviża biex il-fruntieri esterni jinżammu siguri filwaqt li jitħares il-moviment liberu tal-persuni fi ħdan l-Unjoni, u ser jiffaċilita l-kummerċ leġittimu, u b'hekk jagħti kontribut għal unjoni doganali sigura u effiċjenti. Ser tiġi żgurata sinerġija mal-istrumenti ta' politika esterna, sabiex jingħata kontribut għall-ħarsien tal-fruntieri u l-ġestjoni tal-migrazzjoni esterna permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.

98. L-allokazzjoni għall-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri għall-perijodu 2021-2027 hija ta' EUR [x] miljun, u għandha tintuża kif ġej:

- (a) EUR [x] miljun għall-istrument għall-appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali;
- (b) EUR [x] miljun għall-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-viża, li minnhom:
 - EUR [x] miljun ser jiġi allokati għall-programmi taħt ġestjoni kondiviża, li minnhom EUR [x] miljun għal Skema ta' Tranżitu Speċjali;
 - EUR [x] miljun ser jiġi allokati għall-faċilità tematika.

[L-ammonti ta' hawn fuq jinkludu komponent sinifikanti dedikat għall-ġestjoni tal-migrazzjoni esterna].

L-allokazzjonijiet lill-Istati Membri taħt (b) ser ikunu msejsin fuq kriterji oġġettivi marbutin mal-fruntieri esterni fuq l-art, il-fruntieri esterni fuq il-baħar, l-ajruporti u l-uffiċċji konsulari [u ser jiġu aġġornati fl-2024 b'effett mill-2025 fuq il-bażi tad-data statistika l-aktar reċenti li tkun disponibbli għal dawn il-kriterji].

99. Dawn il-miżuri ser jiġu kkomplementati minn Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (EBCGA) imsaħħa, b'pakkett totali ta' EUR [x] miljun.

INTESTATURA 5 - SIGURTÀ U DIFIŻA

100. L-azzjonijiet taħt din l-Intestatura jikkostitwixxu programmi mmirati lejn is-sigurtà u d-difiża fejn il-kooperazzjoni fil-livell tal-Unjoni toffri valur miżjud għoli, li jirriflettu s-sitwazzjoni ġeopolitika mibdula u l-prijoritajiet politiċi ġodda tal-UE. Dan jinkludi azzjonijiet marbutin mas-sigurtà interna, rispons għall-kriżijiet u d-dekummissjonar nukleari kif ukoll azzjonijiet fil-qasam tad-difiża.

101. Il-livell ta' impenji għal din l-Intestatura mhux ser jeċċedi:

INTESTATURA 5 - SIGURTÀ U DIFIŻA						
(EUR miljun, prezzijiet tal-2018)						
2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
X	X	X	X	X	X	X

Sigurtà

102. Il-finanzjament minn din l-Intestatura ser jappoġġa l-Fond għas-Sigurtà Interna, li ser jikkontribwixxi biex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni b'mod partikolari billi jipprevjeni u jindirizza t-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni, il-kriminalità serja u organizzata u ċ-ċiberkriminalità kif ukoll billi jgħin u jħares lill-vittmi tal-kriminalità. [Ser jiffinanzja wkoll azzjonijiet iddedikati għall-ġestjoni tal-migrazzjoni esterna b'rabta mal-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin.]

103. L-allokazzjoni għall-Fond għas-Sigurtà Interna għall-perijodu 2021-2027 hija ta' EUR [x] miljun, u għandha tintuża kif ġej:

- (a) EUR [x] miljun ser jiġu allokati għall-programmi nazzjonali implimentati taħt ġestjoni kondiviża;
- (b) EUR [x] miljun ser jiġu allokati għall-faċilità tematika.

[L-ammonti ta' hawn fuq jinkludu komponent sinifikanti dedikat għall-ġestjoni tal-migrazzjoni esterna].

104. Sabiex tiġi appoġġata s-sikurezza nukleari fl-Ewropa ser jingħata appoġġ speċifiku għad-dekummissjonar tal-impjanti tal-enerġija nukleari li ġejjin:

- EUR [x] miljun għal Ignalina fil-Litwanja għall-perijodu 2021 - 2027;
- EUR [x] miljun għal Bohunice fis-Slovakkja għall-perijodu 2021 - 2025 [b'rata ta' kontribuzzjoni massima tal-UE ta' [x]%];
- EUR [x] miljun għal Kozloduy fil-Bulgarija għall-perijodu 2021 - 2027 [b'rata ta' kontribuzzjoni massima tal-UE ta' [x]%].

Barra minn hekk, ser jiġu pprovduti EUR [x] miljun għad-dekummissjonar tal-installazzjonijiet tal-UE stess.

Difiża

105. Il-finanzjament minn din l-Intestatura ser jinkludi wkoll il-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF) li għandu l-għan li jrawwem il-kompetittività, l-effiċjenza u l-kapaċità ta' innovazzjoni tal-industrija Ewropea tad-difiża billi jappoġġa azzjonijiet kollaborattivi u kooperazzjoni transkonfinali madwar l-Unjoni, f'kull stadju taċ-ċiklu industrijali tal-prodotti u t-teknoloġiji tad-difiża. Id-disinn tal-programm ser jiżgura li jieħdu sehem industrijali tad-difiża ta' kull daqs, fosthom SMEs u kumpanniji b'kapitalizzazzjoni medja, mill-Istati Membri kollha. Għandu jagħti kontribut għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni Ewropea u l-kapaċità li taħdem ma' sħab strateġiċi u tappoġġa proġetti konsistenti mal-prijoritajiet ta' kapaċitajiet tad-difiża miftiehma b'mod komuni mill-Istati Membri, inkluż fil-qafas tal-Politika Ewropea u ta' Sigurtà Komuni.

106. Ser tingħata kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR [x] miljun lill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa biex tadatta n-netwerks TEN-T għall-ħtiġijiet tal-mobbiltà militari.

INTESTATURA 6 - IL-VIĊINAT U D-DINJA

107. Din l-Intestatura tiffinanzja l-azzjoni esterna tal-Unjoni u l-assistenza għal pajjiżi li qed iħejju għall-adeżjoni mal-Unjoni. Koordinazzjoni aktar b'saħħitha bejn il-politika esterna u dik interna ser tiżgura l-implimentazzjoni kif xieraq tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, il-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima, l-Istrateġija Globali tal-UE, il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, il-Politika Ewropea tal-Viċinat, kif ukoll il-Qafas ta' Sħubija ma' pajjiżi terzi dwar il-migrazzjoni. Politika esterna modernizzata ser turi l-valur miżjud tal-UE billi żżid l-effettività u l-viżibbiltà u billi tgħammar lill-Unjoni aħjar biex taħdem għall-miri u l-valuri tagħha globalment, f'koordinazzjoni b'saħħitha mal-Istati Membri.
108. In-nefqa għall-Afrika Sub-Saħarjana, il-Karibew u l-Paċifiku li bħalissa tiġi ffinanzjata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp [mhix] ser tiġi integrata f'din l-Intestatura.
109. L-appropriazzjonijiet ta' impenn għal din l-Intestatura mhumie x ser jaqbu l-livell ta' hawn taħt:

IL-VIĊINAT U D-DINJA						
(EUR miljun, prezzijiet tal-2018)						
2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
X	X	X	X	X	X	X

Azzjoni esterna

110. Sabiex jiżdiedu l-koerenza, it-trasparenza, il-flessibbiltà u l-effettività tal-kooperazzjoni esterna tal-UE, il-biċċa l-kbira tal-istrumenti eżistenti ser jingħaqdu f' Strument [ta' Viċinat], ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali b'pakkett finanzjarju totali ta' EUR [x] miljun, li minnhom:
- (i) Programmi ġeografiċi: EUR [x] miljun, li minnhom [tal-inqas EUR [x] miljun għall-Viċinat u] [tal-inqas EUR [x] miljun għall-Afrika Sub-Saħarjana].

- (ii) EUR [x] miljun għal programmi tematiċi;
- (iii) EUR [x] miljun għal azzjonijiet ta' rispons rapidu;
- (iv) EUR [x] miljun għar-riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti biex jiġu indirizzati ċirkostanzi mhux previsti, ħtiġijiet ġodda jew sfidi emerġenti, bħal sitwazzjonijiet ta' kriżi jew ta' wara kriżi jew pressjoni migratorja, jew biex jiġu promossi inizjattivi jew prijoritajiet ġodda mmexxija mill-Unjoni jew internazzjonali.

[Ser ikun hemm Strument separat għall-Viċinat. Ser ikollu pakkett finanzjarju totali ta' EUR [x] miljun.]

- 111. [Approprijazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mhux użati fil-qafas ta' dan l-istrument [mhumiex] ser jiġu riportati awtomatikament. Approprijazzjonijiet diżimpenjati [mhux] ser jerġgħu jsiru disponibbli.]
- 112. L-allokazzjoni għall-Istrument għall-Għajnuna Umanitarja, li jagħti assistenza tal-UE biex jiġu salvati u ppreservati haġġiet, tiġi pprevenuta t-tbatija tal-bnedmin, jitħarsu l-popolazzjonijiet milqutin minn diżastri naturali jew kriżijiet maħluqa mill-bniedem, ser tkun ta' EUR [x] miljun.
- 113. L-azzjoni esterna ser tiffinanzja wkoll il-Politika Eterra u ta' Sigurtà Komuni u l-Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej, fosthom Greenland.

Assistenza ta' qabel l-adeżjoni

- 114. L-allokazzjoni għall-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni, li jappoġġa l-benefiċjarji fuq triqithom biex jissodisfaw il-kriterji tal-adeżjoni, ser tkun ta' EUR [x] miljun.

Il-Faċilità Ewropea għall-Paċi

- 115. [Ser tiġi stabbilita Faċilità Ewropea għall-Paċi bħala strument barra l-baġit biex jiġu ffinanzjati azzjonijiet fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża li l-Kunsill jista' jiddeċiedi, u li tiegħu post il-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika [u l-mekkaniżmu ATHENA] attwali. L-ammont totali disponibbli għall-Faċilità ser ikun ta' EUR [x] miljun u ser jiġi ffinanzjat bħala punt barra l-baġit barra mill-QFP 2021-2027 permezz ta' kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri bbażati fuq skema ta' distribuzzjoni tad-dħul nazzjonali gross (DNG).]

INTESTATURA 7 - AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA EWROPEA

116. Amministrazzjoni Pubblika Ewropea ferm professjonali, irreklutata fuq il-bażi ġeografika l-aktar wiesgħa possibbli, taqdi rwol kruċjali fl-appoġġ tal-Unjoni lejn it-tweġġiq tal-prijoritajiet tagħha u timplimenta politiki u programmi fl-interess Ewropew komuni. Fl-istess waqt, filwaqt li jittakkru l-isforzi preċedenti ta' riforma u dawk li għaddejjin bħalissa, iċ-ċittadini Ewropej jistennu li kull amministrazzjoni pubblika u l-persunal tagħha jaħdmu bl-aktar mod effiċjenti possibbli. Fil-kuntest ta' Unjoni futura ta' 27 Stat Membru jeħtieġ li dawn ir-riformi kontinwament jiġu kkonsolidati u li l-effiċjenza u l-effettività tal-Amministrazzjoni Pubblika Ewropea jittejbu b'mod kostanti.
117. L-appropriazzjonijiet ta' impenn għal din l-Intestatura, li tikkonsisti min-nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet u l-iskejjel u l-pensjonijiet Ewropej, mhumiex ser jaqbu:

AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA EWROPEA						
(EUR miljun, prezzijiet tal-2018)						
2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
X	X	X	X	X	X	X
li minnhom: nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet						
X	X	X	X	X	X	X

Il-limiti massimi ser jiġu ffixxati b'tali mod li jiġu evitati marġini eċċessivi u li jiġu riflessi l-aġġustamenti mistennija għas-salarji, il-progress tal-karrieri, l-ispejjeż tal-pensjonijiet u suppożizzjonijiet rilevanti oħra.

118. In-nefqa fuq l-appoġġ tal-programm, bħal fil-prattika attwali u tal-imġoddi, għandha tkompli tkun marbuta man-nefqa operazzjonali fi ħdan il-pakketti tal-programmi jew il-qasam ta' politika rispettiv. Biex jiżdiedu t-trasparenza u l-kontroll, in-nefqa amministrattiva u ta' appoġġ għall-programmi għandha tiġi ssorveljata u rrapportata fl-Intestaturi kollha regolarment u b'mod komprensiv.

JEW

Biex tiżdied it-trasparenza fil-qasam tal-Amministrazzjoni Pubblika Ewropea, in-nefqa amministrattiva kollha għandha [fejn fattibbli] tinġabar f'Intestatura waħda.

119. L-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha tal-UE u l-amministrazzjonijiet tagħhom għandhom iwettqu eżami analitiku regolari tal-persunal li jiżgura li r-riżorsi tal-persunal [fil-livell attwali] qed jintużaw bl-aħjar mod possibbli u għandhom ikompli jippruvaw iżidu l-effiċjenza fin-nefqa mhux marbuta mas-salarji, inkluż billi japprofondixxu l-kooperazzjoni interistituzzjonali, bħal fil-qasam tal-IT, tal-akkwist u tal-bini, [jew billi jiffriżaw in-nefqa mhux marbuta mas-salarji].

120. Filwaqt li jiġi rikonoxxut li l-pakkett ta' riforma tar-Regolamenti tal-Persunal tal-2013 fih dispożizzjonijiet ċari u preċiżi, ir-rappurtar u l-evalwazzjoni meħtieġa tar-riforma attwali għandhom iservu ta' bażi għal kwalunkwe reviżjoni sussegwenti possibbli tar-Regolamenti tal-Persunal. [Il-Kummissjoni mistiedna biex fl-evalwazzjoni u l-proposti sussegwenti possibbli tagħha tindirizza kwistjonijiet bħall-progress tal-karrieri, id-daqs u t-tul ta' żmien tal-allowances, l-adekwatezza tas-sistema tat-taxxa, l-imposta ta' solidarjetà kif ukoll is-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet.]

121. Biex ikompli jiġi kkontrollat u ġestit l-infiq amministrattiv, iż-żidiet [u l-miżuri] ta' effiċjenza applikati f'amministrazzjonijiet komparabbli [u fis-settur privat] jistgħu jservu bħala punt ta' referenza.

III. TAQSIMA II : DĦUL

122. L-arranġamenti għar-riżorsi proprji għandhom ikunu ggwidati mill-oġettivi ġenerali ta' sempliċità, trasparenza u ekwità, inkluż il-qsim ġust tal-piżijiet. L-ammont totali ta' riżorsi proprji allokat lill-baġit tal-Unjoni biex ikopri approprjazzjonijiet annwali għall-ħlasijiet ma għandux jaqbeż il-[1.29] % tat-total tad-DNG kollu tal-Istati Membri. L-ammont totali ta' approprjazzjonijiet annwali ta' impenn ma għandux jaqbeż il-[1.35]% tat-total tal-DNG kollu tal-Istati Membri. Għandu jinżamm proporzjon ordnat bejn approprjazzjonijiet ta' impenn u l-approprjazzjonijiet ta' pagament.
123. Is-sistema l-ġdida ta' riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea ser tidħol fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tat-tieni xahar wara l-wasla tan-notifika tal-adozzjoni tagħha mill-aħħar Stat Membru. L-elementi kollha tagħha ser japplikaw b'effett retroattiv mill-1 ta' Jannar 2021. [Madankollu, ir-riżorsa proprja ġdida tal-Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva għandha tapplika mill-1 ta' Jannar tat-tieni sena wara d-data tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva tal-Kunsill dwar Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva.]

Riżorsi proprji tradizzjonali

124. Is-sistema għall-ġbir ta' riżorsi proprji tradizzjonali u t-trasferiment tagħhom għall-baġit tal-UE mhijiex ser tinbidel.

Mill-1 ta' Jannar 2021, l-Istati Membri għandhom iżommu, bħala spejjeż tal-ġbir, [10]% tal-ammonti miġburin minnhom.

JEW

Il-livell tal-ispejjeż tal-ġbir mhux ser jinbidel.

Riż orsa proprja bbaż ata fuq il-VAT

125. Sabiex tinkiseb simplifikazzjoni, ir-riżorsa proprja attwali bbażata fuq il-VAT ser [titneħħa] JEW [tiġi sostitwita minn sistema simplifikata li ser twassal għal aktar trasparenza u rfiġh tar-responsabbiltà. Ser tkun imsejsa fuq il-prinċipji li ġejjin:
- konċentrazzjoni fuq il-provvisti taxxabbli b'rata standard;
 - ir-razzjonalizzazzjoni tal-proċedura għall-kalkolu tal-bażi tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud;
 - l-applikazzjoni ta' rata ta' ġbir uniformi fuq il-bażi b'rata standard.

Ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT għandha tikkonsisti mid-dħul [mill-applikazzjoni ta' sehem uniformi ta' [45]% tal-irċevuti tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud miġbura] mill-provvisti taxxabbli b'rata standard, [diviżi bir-rata standard tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud nazzjonali].] Ir-rata ta' ġbir għandha tkun ta' [1]%.

JEW

Ir-riżorsa proprja attwali bbażata fuq il-VAT ser tinżamm.

[Riż orsi Proprja Ġ odra

126. Ser tiġi introdotta ġabra ta' Riżorsi Proprja ġodda magħmula minn sehem ta' dħul minn
- [l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet b'rata ta' ġbir ta' [20]%;
 - [il-Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva b'rata ta' ġbir ta' [3]%;
 - [kontribuzzjoni nazzjonali kkalkulata fuq il-piż ta' skart mill-imballaġġ tal-plastik mhux riċiklat b'rata ta' ġbir ta' EUR [0.80] għal kull kilogramma]].

Riż orsa proprja bbaż ata fuq id-DNG

127. Il-metodu ta' applikazzjoni ta' rata uniformi ta' ġbir biex jiġu determinati l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għar-riżorsa proprja eżistenti bbażata fuq id-dħul nazzjonali gross (DNG) ser jibqa' l-istess, mingħajr preġudizzju għall-punt 128.

128. Is-sistema attwali tal-korrezzjonijiet ser tiskadi sa tmiem l-2020.

[Ser japplika tnaqqis ta' somma f'daqqa għall-Istati Membri li jkunu gawdew minn korrezzjoni fl-2020 [għall-perijodu 2021-2027 biss, li jitnaqqas gradwalment fuq [ħames] snin]. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jibbenefikaw minn tnaqqis gross fil-kontribuzzjoni annwali tagħhom ibbażata fuq id-Dħul Nazzjonali Gross ta':

- l-Awstrija: EUR [110] miljun fl-2021; EUR [88] miljun fl-2022; EUR [66] miljun fl-2023; EUR [44] miljun fl-2024; EUR [22] miljun fl-2025; EUR [0] miljun fl-2026; EUR [0] miljun fl-2027;
- id-Danimarka: EUR [118-il] miljun fl-2021; EUR [94] miljun fl-2022; EUR [71] miljun fl-2023; EUR [47] miljun fl-2024; EUR [24] miljun fl-2025; EUR [0] miljun fl-2026; EUR [0] miljun fl-2027;
- il-Ġermanja: EUR [2 799] miljun fl-2021; EUR [2 239] miljun fl-2022; EUR [1 679] miljun fl-2023; EUR [1 119-il] miljun fl-2024; EUR [560] miljun fl-2025; EUR [0] miljun fl-2026; EUR [0] miljun fl-2027;
- in-Netherlands: EUR [1 259] miljun fl-2021; EUR [1 007] miljuni fl-2022; EUR [755] miljun fl-2023; EUR [503] miljuni fl-2024; EUR [252] miljun fl-2025; EUR [0] miljun fl-2026; EUR [0] miljun fl-2027;
- l-Iżvezja: EUR [578] miljun fl-2021; EUR [462] miljun fl-2022; EUR [347] miljun fl-2023; EUR [231] miljun fl-2024; EUR [116-il] miljun fl-2025; EUR [0] miljun fl-2026; EUR [0] miljun fl-2027.

Dan it-tnaqqis gross għandu jiġi ffinanzjat mill-Istati Membri kollha.]